MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 396/2007

**Seca Electroplating Limited – C 32796**

**-vs-**

**Mediterranean Broadcasting Equpment Limited – C 23047**
**u b'digriet tat-12 ta' Gunju, 2007 intalbet korrezzjoni fis-sens li**
**l-kelma Equpment tigi sostitwita bil-kelma Equipment.**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn, erba' mija u tmienja u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,488.54) - (Lm1,068.33c) liema ammont huwa rapprezentanti hlas dovut mis-socjetà konvenuta ghal xoghol t'ibbanjar maghmul mis-socjetà attrici fuq ordni u inkarigu tas-socjetà konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li biha kkontestat illi:

1. l-attrici ma esegwitx ix-xogholijiet li kienet giet mitluba li twettaq skond l-arti u s-sengha u ghalhekk m’ghandha l-ebda dritt li tithallas ta’ dan ix-xoghol;

2. Illi x-xoghol esegwit mill-attrici kien difettuz u bhala rizultat ta’ dan il-konvenuta sofriet danni u ghaldaqstant qieghda tressaq l-opportuna kontro-talba.

3. Illi l-attrici qieghda zzomm bla jedd proprjetà tal-konvenuta u dan b’dannu ghall-istess konvenuta li tirriserva li tagixxi ulterjorment f’dan ir-rigward jekk ikun il-kaz.

4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra l-kontro-talba pprezentata mis-socjetà konvenuta li biha talbet illi s-socjetà attrici tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kkagunati lill-eccipjenti kagun ta’ xoghol hazin u/jew difettuz u/jew mhux skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi pprovat tul is-smiegh tal-kawza. Id-danni jikkonsistu fi hsara fil-materjal supplit mill-atturi kif ukoll f’telf ta’ qliegh u tal-klijenti.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li biha ppremettew illi l-kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetà konvenuta peress illi:

1. Il-kontro-talba tezorbita l-kompetenza *ratione valoris* ta’ dan it-Tribunal;

2. Il-kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li s-socjetà attrici rikonvenuta ghamlet xoghol hazin u/jew difettuz u/jew mhux skond is-sengha u l-arti;

3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta rikonvenjenti stess ikkonfermat il-kwalità tajba tax-xoghol effetwat mis-socjetà attrici rikonvenuta in segwitu ghall-ezamijiet effettwati mill-istess socjetà konvenuta skond il-kriterji taghha stess;

4. Illi din il-kwistjoni qed tigi sollevata biss f'dan l-istadju bhala pretest sabiex is-socjetà konvenuta ma thallasx dak dovut lis-socjetà attrici;

5. Illi s-socjetà attrici ghalhekk ma kkawzat l-ebda danni lis-socjetà konvenuta, liema danni f'kull kaz iridu jigu ppruvati mis-socjetà konvenuta rikonvenjenti.

6. Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal, id-danni pretizi mis-socjetà konvenuta rikonvenjenti jridu jkunu reali u attribwibbli lis-socjetà attrici direttament.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjetà konvenuta u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas s-somma t'elfejn, erba' mija u tmienja u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,488.54) - (Lm1,068.33c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

Av Peter Borg Costanzi
Aggudikatur

---------------------------------TMIEM---------------------------------